# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 146/2015**

Il-Pulizija

vs

**Elton Caruana**

iben Victor, imwieled Pieta', fit-8 ta' April, 1985, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 235985(M)

Illum, 31 ta' Mejju, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Elton Caruana quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, ghax-xhur minn April 2014 sa Settembru 2014 meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jaghti lil Stephanie Schembri u/jew lil uliedu s-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghalija u/jew ghall-ulied fi zmien 15 il-jum minn dak il-jum li fih skont dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-24 ta’ Marzu, 2015 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 338(z) u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-imputat hati u ghaldaqstant kkundannatu xahar prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appellant Elton Caruana ipprezentat fil-25 ta’ Marzu, 2015 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma u tvarja s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti li sabet htija pero thassara f'dik il-parti fejn il-Qorti erogat il-piena u minflokk tikkundanah ghal-piena aktar ekwa u gusta fic-cirkostanzi tal-kaz.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi l-appellant irregistra ammissjoni quddiem il-Qorti tal-Magistrati u wara gew spjegati ic-cirkostanzi partikolari ta' l-appellant u ir-raguni tan-nuqqas ta' pagament ossija li huwa kellu bzonn ftit zmien sabiex ihallas l-arretrati.

Illi l-appellant dejjem hallas il-manteniment u kien minhabba li gie mwaqqaf mix-xoghol li huwa ma bediex ihallas. Fil-fatt, mal-mument li sab xoghoI huwa rega beda jhallas.

Illi jidher car ukoll li l-appellant ma bbenefikax minn l-ammissjoni bikrija tieghu stante li l-Qorti kellha diversi opzjonijiet fir-rigward il-piena izda ghazlet l-aktar wahda iebsa u li fic-cirkostanzi tal-kaz l-aktar wahda harxa.

Illi l-appellant mhux bi pjecir tieghu ma ottemprax ruhhu mal-kuntratt.

Illi l-appellant talab ukoll lill-Qorti li bhala piena timponi fuqu perjodu taz-zmien sabiex ihallas il-manteniment dovut u jinghata provediment taht l-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-impozizzjoni ta' piena karcerarja ghandha tkun l-ahhar piena li tigi ikkunsidrata mill-Qorti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi fis-seduta tal-31 ta' Mejju, 2016 l-appellant seduta stante kkonsenja lill-parte civile s-somma ta' disa' mitt euro (€900) meritu ta' dan l-appell.

Ghaldaqstant, tikkonferma s-sentenza ta' l-ewwel Qorti fejn sabet il-htija tal-appellant Elton Caruana. Dwar il-piena, thassar u tirrevoka l-piena erogata mill-ewwel Qorti u minflok tillibera lill-appellant a tenur tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien xahar mil-lum.